



eiopa

European Insurance and  
Occupational Pensions Authority

FIL-QOSOR

# DOKUMENT UNIKU TA' PROGRAMMAZZJONI 2022 - 2024

## UE SIKURA U SOSTENIBBLI GĦAĊ-ĊITTADINI FI ŻMIEN TA' TRASFORMAZZJONI

L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) tinsab fil-qalba tas-superviżjoni tal-assigurazzjoni u l-pensjonijiet fl-Ewropa. Permezz tal-ħidma tagħha, l-EIOPA tikkontribwixxi għal superviżjoni soda, effettiva u konsistenti fl-Ewropa, filwaqt li tipproteġi lid-detenturi tal-poloż tal-assigurazzjoni u l-benefiċjarji, kif ukoll lill-membri ta' skemi tal-pensjonijiet.

Id-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni 2022-2024 jistabbilixxi l-istrateġija u l-programm ta' ħidma tal-EIOPA għas-snin li ġejjin u jinkludi l-Programm ta' Ħidma Annwali għall-2022.

L-aġenda tal-EIOPA se tkompli tiġi influwenzata mill-pandemija tal-COVID-19, mill-ambjent makroekonomiku u mill-aġenda Ewropea ġenerali. Skont iż-żewġ objettivi li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-konsumatur u li tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja, l-EIOPA se tkompli tappoġġa l-irkupru u tibni fuq tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

Permezz tal-ħidma tagħha, l-EIOPA se tindirizza l-aktar sfidi urġenti li jaffettwaw lis-soċjetà, lis-setturi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet, u lis-superviżuri. Dawn jinkludu t-tibdil fil-klima, ir-riskju ċibernetiku u d-diġitalizzazzjoni, kif ukoll l-indirizzar ta' lakuni fil-protezzjoni.

L-EIOPA se taħdem ma' firxa ta' partijiet ikkonċernati biex tiżgura li s-setturi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet ikunu jistgħu jaqdu rwol essenzjali fit-tisħiħ ta' rkupru b'saħħtu u sostenibbli fl-Ewropa, għall-benefiċċju taċ-ċittadini, tan-negożju u tal-ekonomija.

## OQSMA TA' ATTIVITÀ STRATEĠIKA



L-integrazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet dwar finanzi sostenibbli fl-oqsma kollha tal-ħidma



L-appoġġ lis-suq u lill-komunità superviżorja permezz tat-trasformazzjoni diġitali



It-titjib tal-kwalità u l-effettività tas-superviżjoni



L-iżgurar ta' twettiq prudenzjali u teknikament sod tal-politika tan-negozju



L-identifikazzjoni, il-monitoraġġ u r-rapportar dwar ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja u l-promozzjoni ta' politiki preventivi u azzjonijiet ta' mitigazzjoni



L-iżgurar ta' governanza tajba, organizzazzjoni aġli, ġestjoni kosteffettiva tar-riżorsi u kultura korporattiva b'saħħitha



## BIEX JIĠU INTEGRATI KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR FINANZI SOSTENIBBLI FL-OQ SMA KOLLHA TAL-ĦIDMA TAGĦNA

Il-ħidma tal-EIOPA fuq il-finanzi sostenibbli għandha l-għan li tiżgura li l-assiguraturi (jew ir-riassiguraturi) u l-fondi tal-pensjoni tax-xogħol jintegraw ir-riskji għas-sostenibbiltà fil-ġestjoni tar-riskju tagħhom u, fl-istess ħin, jikkontribwixxu għal soċjetà sostenibbli, permezz tal-investimenti, il-prodotti u s-servizzi tagħhom. Is-setturi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet jista' jkollhom rwol importanti fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u fl-adattament għalih.

Dan għandu jippermetti l-provvista ta' soluzzjonijiet sostenibbli tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet li jibqgħu affordabbli għaċ-ċittadini tal-UE.

### OQ SMA EWLENIN TA' ATTIVITÀ

- › L-integrazzjoni tar-riskji ESG fil-qafas prudenzjali tal-assiguraturi u tal-fondi tal-pensjoni
- › Il-konsolidazzjoni tal-valutazzjoni tar-riskju makroprudenzjali/mikroprudenzjali tar-riskji ESG
- › Il-promozzjoni ta' divulgazzjonijiet dwar is-sostenibbiltà u ta' twettiq sostenibbli tal-qafas tan-negozju
- › L-appoġġ għas-superviżjoni tar-riskji ESG u l-konverġenza superviżorja fl-UE
- › L-indirizzar ta' lakuni fil-protezzjoni
- › Il-promozzjoni tal-EIOPA bħala ċentru għall-immudellar tas-sors miftuħ u tad-data
- › Il-promozzjoni tal-konverġenza internazzjonali





## BIEX JIĠU APPOĠĠATI S-SUQ U L-KOMUNITÀ SUPERVIŻORJA PERMEZZ TAT-TRASFORMAZZJONI DIĠITALI

Flimkien mat-trasformazzjoni diġitali rapida, aċċellerata mill-COVID-19, huwa importanti li jkun hemm qafas regolatorju sod stabbilit flimkien ma' superviżjoni xierqa.


L-EIOPA se tiżviluppa strateġija ġenerali għat-trasformazzjoni diġitali. L-attivitajiet ewlenin inklużi f'din l-istrateġija huma: il-provvediment ta' pariri dwar kif għandhom jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' "l-istess attività, l-istess riskju, l-istess regoli", l-għoti ta' appoġġ għat-twaqqif ta' stabbiliment ta' spazju komuni tad-*data* finanzjarja, u l-ħidma fuq kif l-intelliġenza artifiċjali (IA) tista' tiġi applikata bl-aħjar mod fil-finanzi.

### OQSMA EWLENIN TA' ATTIVITÀ

- › It-twettiq tal-Istandards Tekniċi Regulatorji u ta' Implimentazzjoni relatati mal-att il-ġdid dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali (DORA)
- › Il-kontinwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-istrateġija tas-sottoskrizzjoni ċibernetika
- › Il-kontinwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-istrateġija tad-*data*, li tinkludi l-kontribut għall-istrateġija tal-Kummissjoni Ewropea dwar id-*data* superviżorja, u l-iżvilupp ta' attivitajiet SupTech
- › Il-valutazzjoni ulterjuri tal-opportunitajiet u l-isfidi tal-użu tat-teknoloġija moderna (bħad-DLT/Blockchain) u l-Intelliġenza Artifiċjali, li tinkludi l-ħolqien ta' inizzjattivi possibbli ta' Assigurazzjoni Miftuħa/Finanzi Miftuħa



### SIR AF AKTAR



L-istrateġija tas-sottoskrizzjoni ċibernetika tal-EIOPA tħares lejn il-ħidma mwettqa sa issa u tiddekrivi t-triq 'il quddiem proposta.

> [Aqra aktar](#)



## BIEX JITTEJBU L-KWALITÀ U L-EFFETTIVITÀ TAS-SUPERVIŻJONI


Id-detenturi tal-poloz u l-benefiċjarji għandhom jiġu protetti bl-istess mod kull fejn jgħixu fl-Ewropa. Superviżjoni ta' kwalità għolja u konsistenti hija essenzjali biex jinkiseb dan u hija għodda ewlenija fis-salvagwardja tal-istabbiltà u s-sikurezza kemm tas-settur tal-assigurazzjoni kif ukoll tal-pensjonijiet tax-xogħol. L-EIOPA se taħdem fuq kwistjonijiet relatati mas-superviżjoni nazzjonali, it-twettiq tas-superviżjoni tan-negozju u d-data superviżorja.

### OQSMA EWLENIN TA' ATTIVITÀ

- › It-teħid ta' azzjoni biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' kondotta prijoritarja, pereżempju dwar il-valur għall-flus fis-suq għal prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni
- › Ir-rapportar dwar ix-xejriet tal-konsumatur, il-prestazzjoni netta u t-tariffi tal-prodotti fit-tul tal-konsumatur u tal-pensjoni
- › L-identifikazzjoni u r-rapportar dwar Prijoritajiet Superviżorji Strateġiċi għall-Unjoni kollha f'kooperazzjoni mal-NCA's
- › It-twettiq ta' evalwazzjonijiet bejn il-pari dwar l-esternalizzazzjoni, u s-sorveljanza u l-governanza tal-prodott
- › It-titjib tal-konverġenza superviżorja permezz tal-koordinazzjoni ta' inizjattivi ta' xiri bil-moħbi, pjattaformi ta' kooperazzjoni, u permezz ta' taħriġ dedikat u proġetti ta' appoġġ strutturati għall-awtoritajiet nazzjonali mad-DĠ REFORM
- › L-implimentazzjoni tal-kompiti relatati mal-PEPP



### SIR AF AKTAR



L-EIOPA tenfasizza l-approċċ strateġiku tagħha għal qafas komprensiv ibbażat fuq ir-riskju u preventiv għat-twettiq tas-superviżjoni tan-negozju madwar l-Ewropa.

> [Aqra aktar](#)



## BIEX JIĠI ŻGURAT TWETTIQ PRUDENZJALI U TEKNIKAMENT SOD TAL-POLITIKA TAN-NEGOZJU

Politika soda hija komponent essenzjali ta' sistema finanzjarja li tkun għas-servizz tan-nies u tan-negozji.

Fil-qasam tal-politika prudenzjali, l-EIOPA se tkompli tmexxi l-iżvilupp ta' superviżjoni ta' kwalità għolja, effettiva u konsistenti madwar l-UE.

Fil-qasam tat-twettiq tal-politika tan-negozju, l-EIOPA se tkompli l-ħidma tagħha lejn qafas aktar koordinat u effettiv tal-protezzjoni tal-konsumatur u se tmexxi 'l quddiem l-implimentazzjoni Prattika u konverġenti tiegħu.

### OQSMA EWLENIN TA' ATTIVITÀ

- › It-tiġid tal-protezzjoni tal-konsumaturi permezz ta' titjib immirat tal-qafas tal-IDD u tal-PRIP
- › L-għoti ta' appoġġ għall-applikazzjoni konverġenti u konsistenti tad-Direttiva tas-Solvibbiltà II u l-iżvilupp tal-ħidma regolatorja meħtieġa bħala segwitu tar-rieżami tas-Solvibbiltà II.
- › L-iżvilupp ta' pariri dwar ir-rieżami skedat tad-Direttiva IORP II, u li tkun lesta għal kwalunkwe ħidma ta' segwitu fuq it-tabella operattiva u s-sistema ta' traċċar tal-pensjonijiet
- › Il-kontinwazzjoni tal-kooperazzjoni mal-EBA u mal-ESMA dwar kwistjonijiet transsettorjali biex tiġi żgurata l-konsistenza tal-istandards u l-prattiki superviżorji
- › Il-koordinazzjoni tal-pożizzjoni Ewropea u l-kontribut għall-implimentazzjoni ta' standard komuni tal-kapital-assigurazzjoni, il-konverġenza tal-istandards superviżorji internazzjonali u l-bini ta' fiduċja u fehim ma' pajjiżi terzi



## BIEX JIĠU IDENTIFIKATI, IVALUTATI U MMONITORJATI R-RISKJI GĦALL-ISTABBILTÀ FINANZJARJA U T-TWETTIQ TAN-NEGOZJU U JSIR RAPPORTAR DWARHOM, U BIEX JIĠU PROMOSSI POLITIKI PREVENTIVI U AZZJONIJET TA' MITIGAZZJONI

L-identifikazzjoni u l-komunikazzjoni bikrija tar-riskji, u l-implimentazzjoni ta' miżuri preventivi f'waqthom, huma azzjonijiet essenzjali biex jiġi żgurat li s-setturi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet tax-xogħol jibqgħu stabbli, b'mod partikolari fl-ambjent ta' wara l-COVID 19.

L-EIOPA se tkompli timmonitorja, tidentifika u tirrapporta dwar ix-xejriet, ir-riskji potenzjali u l-vulnerabbiltajiet fil-livell makroprudenzjali. Fl-istess ħin, se tkompli tinfirsa l-għodod u l-oqfsa analitiċi tagħha, flimkien ma' bażi statistika soda u enfasi akbar fuq analiżi tar-riskji orizzontali u settorjali.

### OQSMA EWLENIN TA' ATTIVITÀ

- › Il-provvediment ta' analiżi u valutazzjoni tar-riskju tal-istabbiltà finanzjarja f'waqtha u preċiża, li tinkorpora l-valutazzjoni tar-riskju ċibernetiku fil-qafas tat-tabella operattiva tar-riskji attwali
- › It-twettiq ta' test tal-istress tal-pensjonijiet tax-xogħol
- › Il-pubblikazzjoni regolari tal-istatistika dwar l-assigurazzjoni u l-pensjonijiet



## BIEX TIĠI ŻGURATA GOVERNANZA TAJBA, ORGANIZZAZZJONI AĠLI, ĠESTJONI KOSTEFFETTIVA TAR-RIŻORSI U KULTURA KORPORATTIVA B'SAĦĦITHA



L-EIOPA se tkompli tiżgura t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont fl-arranġamenti ta' governanza u fir-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati tagħha, filwaqt li ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha bħala awtorità superviżorja b'saħħitha u kredibbli u trawwem ambjent tax-xogħol divers u inklużiv.